MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Numru 963/2008

**Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**vs**

**Duncan Buttigieg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Duncan Buttigieg ta’ 25 sena, iben missier mhux maghruf u Mary Buttigieg, imwieled il-Pieta’ fit-3 ta’ Mejju 1983, residenti fil-fond numru 25, Triq Dun Guzepp Naudi, Ghaxaq u detentur tal-karta tal-identita’ numru 244783(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fil-11 ta’ Settembru 2008, f’xi hin bejn id-disgha ta’ filghodu u nofs inhar, f’ Hal Ghaxaq, b’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz,

jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jaccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Stephen Camilleri, Payzone Co-Operative co Ltd jew/u persuni ohra ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, ffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku jew min bank jew stabbiliment pubbliku iehor mwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna t'oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern ;

Fl-istess jum u jew fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligu f'dawn l-atti jew skrittura wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjoni jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw ;

Fl-istess jum, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza ;

Fil-11 ta' Settembru 2008 u/jew fix-xhur ta' qabel ikkommetta serq ta' cheque book ghad-dannu ta' Joseph Buttigieg jew/u persuni ohra ;

B'hekk kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 meta kkommetta reat iehor wara li nghata sentenza fejn

gie lliberat taht kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sentejn, liema sentenza giet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fit-30 ta' Mejju 2008 ;

Sar recidiv ai termini t'Artikolu 49 et sequitur tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-12 ta' Novembru, 2009 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li mill-fedina penali tieghu kif ukoll mill-kopji tas-sentenzi esebiti a fol. 26 u 27 u 33 sa 37 tal-process jirrizulta li l-imputat kiser dufrejgh mal-gustizzja f'diversi okkazzjonijiet u li huwa inghata hafna opportunitajiet sabiex jirriforma ruhu izda ma jidhirx li huwa gharaf juzufruwixxi minn dawn l-opportunitajiet u ghalhekk il-Qorti jidrilha li fic-cirkostanzi tkun idoneja piena karcerarja effettiva. In vista tal-fatt li l-imputat ikkopera mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet kif jirrizulta mill-istqarrija minnu rilaxxjata u in vista tal-fatt li huwa rregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri l-Qorti ser timponi piena karcerarja akar vicin lejn il-

minimum. B’riferenza ghas-seba’ akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u ghal dak sottomess mid-Difiza fir-rigward il-Qorti tirrileva li fis-sentenza tat-23 ta’ Settembru 2009 l-imputat instab hati li kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan stante li huwa kkommetta reat iehor wara li gie liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat fi zmien tlett snin permezz ta’ sentenza tal-14 ta’ Dicembru 2005 mentri fil-kaz odjern is-seba’ akkuza tirreferi ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fit-30 ta’ Mejju 2008 (kopja relattiva inserita a fol. 26 u 27 tal-process).

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 167, 169, 183, 184, 284, 285, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 7 u 23 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija.

Wara li rat l-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza flimkien ma’ l-atti ta’ dawn il-proceduri jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------